



2024/1776

24.6.2024

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/1776**

**tal-24 ta' Ġunju 2024**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2024/1428 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1428 tas-17 ta' Mejju 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 833/2014 <sup>(2)</sup>.
- (2) Fis-17 ta' Mejju 2024, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2024/1428, li emenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 u introduċa miżuri restrittivi ulterjuri biex jissospendi l-attivitàjiet tax-xandir fl-Unjoni, jew li huma diretti lejn l-Unjoni, ta' ċerti mezzi tal-media msemmija fl-Anness tar-Regolament (UE) 2024/1428. Skont l-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament, l-applikabbiltà ta' tali miżuri fir-rigward ta' wieħed jew aktar minn daww il-mezzi tal-media hija soġġetta għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni mill-Kunsill.
- (3) Wara li eżamina l-każijiet rispettivi, il-Kunsill ikkonkluda li l-miżuri msemmija fl-Artikolu 2f tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 jenħteġ li japplikaw mill-25 ta' Ġunju 2024, fir-rigward tal-entitajiet kollha msemmija fl-Anness tar-Regolament (UE) 2024/1428,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-miżuri restrittivi msemmija fl-Artikolu 2f tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 għandhom japplikaw mill-25 ta' Ġunju 2024 fir-rigward tal-entitajiet kollha msemmija fl-Anness tar-Regolament (UE) 2024/1428.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-24 ta' Ġunju 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

<sup>(1)</sup> ĠU L, 2024/1428, 17.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1428/oj>.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).